**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG JUR (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-5 TA' SETTEMBRU 2002**

Citaz. Numru 97/98

Paul Dimech u martu Simone Dimech

vs

Mary Rose Agius Leone u ghal kull interess li jista jkollu Enzo Leone.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi, li taqra:

"illi l-attur Paul Dimech flimkien mal-konvenuta Mary Rose Agius Leone kienu joperaw flimkien u fi kwoti ugwali bejniethom kont mal-Mid-Med Bank plc numru sebgha wiehed wiehed hamsa tnejn disgha wiehed tmienja sebgha (711529187);

Illi f'dawn l-ahhar xhur il-konvenuta ad insaputa tal-esponenti u kontra l-volonta espressa tieghu misapproprjat ghaliha nnifisha l-flus kollha illi kienu jezistu f'dan il-kont b'tali mod u manjiera illi hija cahdet lill-esponenti minn nofs ta' dawn il-flus;

Illi l-atturi jridu illi l-konvenuti jew minnhom jaghtu rendikont tal-flus illi hadu minn dan il-kont bankarju u jirrestitwixxu lill-esponenti nofs l-ammonti illi hadu indebitament;

TALBU ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara okkorrendo illi lill-atturi kien jispetta nofs il-flus depozitati fil-kont bankarju mal-Mid-Med Bank plc numru 711529187;

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex jrrendu rendikont tal-ammonti minnhom sborsati jew ritirati minn dan il-kont bankarju u dan ai termini tal-Artikoli 389 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. tikkundannhom sabiex ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata bhala sehemhom nett mill-flus komuni spettanti lilhom kif inghad fuq;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 870/1998 kontra taghhom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma imsejha.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda annessa;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. preliminarjament in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju in kwantu l-flus kollha fil-kont fuq imsemmi kienu qeghdin jigu amministrati fl-interess mhux biss tal-kontendenti izda anki ta' terzi liema terzi kellhom ikunu parti f'dawn il-proceduri;

2. preliminarjament ukoll in-nullita tac-citazzjoni billi ma hux legittimu ghall-atturi li jipprocedu b'din il-kawza in kwantu l-kont bankarju fuq imsemmi ma hux ghajr parti incidentali hafna minn negozju ikbar bejn il-partijiet u ghalhekk ma hux possibbli ghalihom li jipprocedu bil-likwidazzjoni ta' dan il-kont minghajr ma jipprocedu fl-istess waqt ghal-likwidazzjoni tan-negozju intier. Difatti dan il-kont kien biss riserva ta' rizorsi finanzjarji ghall-istess negozju;

3. illi ghal dak li jirrigwarda r-rendikont mitlub mill-atturi dan gja jinsab fil-pussess tal-atturi u ghalhekk din it-talba hija fierha u vessatorja;

4. illi d-divergenza bejn il-partijiet irrizultat minhabba ammonti ezorbitanti u ridikolozament esagerati li l-atturi jippretendu li kien hemm f'dan il-kont;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-elenku tax-xhieda annessa;

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ezaminat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat il-verbal taghha tas-26 ta' Frar 2002;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi jistqarru li l-kont depozitat fil-Mid-Med Bank bin-numru 711529187 kien operat mill-konvenuta fl-interess tat-tnejn u nofs indiviz kull wiehed. Talbu ghalhekk li wara d-debita dikjarazzjoni li dan hu hekk, li l-konvenuta taghti rendikont tal-flus fil-kont u li jigi likwidat u imhalsa lilhom sehemhom mill-flus ossija dak in-nofs indiviz lilhom spettanti mill-flus ezistenti fil-kont.

Il-konvenuti, da parti taghhom, opponew varji eccezzjonijiet li l-Qorti tahseb li jkun utili li jigu minnufih ezaminati:

Eccepew fl-ewwel lok u in linja preliminari in-nuqqas ta’ integrita tal-gudizzju stante l-interess ta’ terzi fil-kont ‘de quo’. Din l-eccezzjoni pero’ mkien fl-atti ma giet sostnuta anzi ghall-kuntrarju jidher li giet ghal kollox skartata u njorata billi l-konvenuti ma offrew ebda prova fir-rigward. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, wkoll ta’ indole preliminarja, tistqarr in-nullita tac-citazzjoni stante li ma setghetx tigi domandata l-likwidazzjoni ghaliex il-kont bankarju kien biss parti incidentali minn negozju akbar bejn il-partijiet u kwindi kull likwidazzjoni kellha tinvolvi n-negozju intier. Dwar din l-eccezzjoni l-Qorti ser taghmel l-osservazzjonijiet opportuni aktar ‘il isfel f’dan il-gudikat.

It-tielet u r-raba eccezzjonijiet jirrigwardaw sostanzjalment r-rendikont mitlub mill-atturi. L-eccezzjoni hawnhekk hi fis-sens li r-rendikont gja kien fil-pussess tal-atturi li qeghdin pero’ jippretendu li l-ammont fil-kont kien ben oltre dak li rrizulta, presumibilment, mir-rendikont.

Trattata din l-eccezzjoni, mill-atti jirrizulta, li x-xhieda fir-rigward hija skarsa. Difatti ghajr li xehed rapprezentant tal-bank li esebixxa dokumentazzjoni korrispondenti d-dhul u l-hrug u l-istat tal-kont, ukoll affidavit (sic) ta’ certa Josienne Camilleri (folio 37) u dokumentazzjoni aktar dettaljata tal-kont, ma gie prodott xejn aktar. Impoggi fil-kuntest tat-tielet u r-raba talba tal-atturi u s-sosteniment tal-konvenuti li r-rendikont kien gja fil-pussess tal-atturi, dak li jirrizulta mix-‘xhieda’ ta’ Camilleri hu sostanzjalment dak li jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-konvenuti, cioe, li l-ktieb tal-bank in kwistjoni kien jigi iffirmat in bjank minn Paul Dimech (l-attur). Li apparti dan il-Qorti ma tarax li tista’ tadduci xi inferenzi minn din ix-xhieda. Kuntrarjament, pero, hu fatt li relattivament il-kont in kwistjoni dan kien effettivament jigi operat mill-konvenuta Mary Rose Agius Leone ghan-nom taghha u l-attur Paul Dimech li jirrizultaw firmatarji tal-kont, u dan minn dak li jistqarru l-atturi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom mhux kontradett.

Inghad dan hi l-fehma ta' din il-Qorti li tnejn huma l-kwesiti ghad-determinazzjoni tal-kawza: l-ewwel, jekk r-rendikont jew presunt tali ghandux l-elementi li jirrenduh tali skond il-ligi tal-procedura; it-tieni, u f'kull kaz, jekk it-talba ghal-likwidazzjoni hiex gustifikata u skond il-ligi.

Trattat l-ewwel kwesit, hi gurisprudenza assodata li l-forma preskritta mil-ligi tal-Procedura ghar-rendiment tal-kontijiet ma hix 'di rigore' dment li r-rendikont ikun tali li jista' jigi diskuss. Fi kliem iehor r-rendikont jitqies konformi mal-ligi kemm-il darba ma jkun fih xejn li jista' jinghad li hemm konfuzjoni jew dizordni fir-redazzjoni tieghu b'mod li ma jistax ghall-okkorrenza jigi kritikat jew impunjat *(Vol.XXXIX pt.I. pg.361* u r-rassenja tal-gurisprudenza hemm migbura). Issa r-rendikont jew presunt tali li gie esebit mill-konvenuti mhu xejn hlief sensiela dokumenti tal-bank u cekkijiet imsarfa. Fil-fehma tal-Qorti dan wahdu ma jissodisfax l-vot ta' l-*Artikolu 390 tal-Kap 12* u lanqas dak stabbilit mill-gurisprudenza. Il-konvenuti pero' jsostnu fid-dikjarazzjoni taghhom li r-rendikont mitlub mill-atturi kien gja jinsab fil-pussess taghhom. Din l-affermazzjoni mhux biss ma gietx kontradetta mill-atturi, izda meta tharrket minnhom l-konvenuta Leone Agius giet biss mitluba li "iggib maghha id-dokumenti kollha relattivi mal-kont Mid-Med Bank numru 711529187" (recte 711525187). Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li hu verosimili li r-rendikont, kif sostnew il-konvenuti, kien verament fil-pussess tal-atturi anke jekk minghajr id-dokumenti gustifikattivi. Fatt dan li ma hux ta' riljev stante li ' il difetto di produzione dei documenti gustificanti l'esito non rende nullo ne invalido il conto, ma accorda all'altra parte il diritto di impugnare il conto e di non ammettervi le partite non gustificate (*PA Felice v Sammut – Vol XIV p.199).*

F'dak li ghandu rilevanza mat-tieni kwezit, l-gurisprudenza in materja hija cara u teskludi d-domanda. Ic-citazzjonijiet li jsegwu jesprimu esawrjentement il-kuncett. Hekk, per ezempju, fis-sentenza riportata *Vol.XXIX.iii.227* inghad li " ladarba kien hemm rendikont, allura l-azzjoni li jmissu ezercita l-attur nomine, la darba l-kont jikkontestah, kienet dik ta' impunjazzjoni ta' dak il-kont u mhux ta' likwidazzjoni"; ukoll is-sentenza riportata *Vol.XXXIV.i.375* fejn gie affermat li "anki kieku l-kont ma giex moghti, l-azzjoni ma setghet qatt tkun dik ta' likwidazzjoni, imma dik ghall-ghoti tal-kont".

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tichad it-talbiet atturi b'dan li l-ispejjez jithalsu kwantu ghal zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenuti stante r-rigett tal-ewwel eccezzjoni taghhom u wkoll it-tieni sa fejn tirreferi ghan-nullita tac-citazzjoni u r-raba li ma gietx pruvata.

(ft.) A.M.Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur